Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,526, 29 ta' Diċembru, 2009
Taqsima B

A.L. 371 tal-2009

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Iskola Internazzjonali tal-Ingliż

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 135 tal-Att dwar l-Edukazzjoni, il-Ministru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Iskola Internazzjonali tal-Ingliż, u dawn għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-1993 dwar id-Drittijiet tal-Iskola Internazzjonali tal-Ingliż, hawn iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 87 tal-1993.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "minn ċittadini barranin" għandhom jidħlu l-kliem "minn persuni li mhumiex ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea".

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. Fl-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "Lm60.00" għandhom jidħlu l-kliem "€140.00" u minflok il-kliem "Lm50.00" għandhom jidħlu l-kliem "€116.50".